MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 38/2004

**Grace Theuma**

**vs**

**Oliver Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltija u disa' centezmi (Lm667.09c) – danni kollha sofferti mill-esponenti per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fit-13 ta' Frar 2004 fi Triq Parisot kantuniera ma' Triq ta' Karkar, Xaghra, Ghawdex, bejn il-vettura Ford Escort bin-numru CBC 692 misjuqa minnek u dik Citroen Saxo bin-numru LAE 734 misjuqa minn u proprjeta' tal-attrici – liema incident gara unikament tort u htija tieghek peress illi inti inqast milli izzomm a *'proper look out'* tant illi dan

ammetejtu int stess fl’istatement li inti tajt lill-Pulizija: *“inhsadt…u ma lhaqtx ghafast il-brake”.*

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Marzu 2004 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.”

Ra r-risposta:

“Il-konvenut jeccepixxi illi it-tort ghall-incident huwa ugwalment taz-zewg partijiet. Din l-offerta gja saret lill-atturi u f’kaz ta’ gudizzju adeziv, il-konvenut m’ghandux ibaghti spejjez.”

Sema l-provi.

Ikkunsidra:

Illi l-incident sehh waqt li l-konvenut kien qieghed isuq fi Triq Parisot, Xaghra, Ghawdex filwaqt li l-attrici harget minn Triq Karkar. L-attrici ssostni li dawn iz-zewg toroq huma zewg toroq *of equal importance* u li huma parti minn *crossroads* tant li fuq in-naha l-ohra tat-triq Parisot fejn tisbokka Triq Karkar hemm Triq Otto Bayer. Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li Triq Parisott hija triq ewlenija filwaqt li l-punt fejn Triq Karkar tisbokka fi Triq Parisott huwa T-junction. Triq Otto Bayer mhix prolungazzjoni ta’ Triq Karkar ghax l-ewwel hemm Triq Otto Bayer fuq in-naha tax-xellug ta’ Triq Parisot imbaghad hemm Triq Karkar fuq in-naha tal-lemin tal-istess triq izda ftit metri ’l isfel. Dan kif jidher iktar car fuq l-iskizz redatt mill-pulizija a fol 14 tal-process.

Il-Gudikatur acceda wahdu fuq il-post u mill-konfigurazzjoni tal-lokalita rrizultalu bla dubbju li Triq Parisot hija triq ewlenija filwaqt li Triq Karkar hija triq sekondarja. B’danakollu, Triq Parisot mhix triq dritta u partikolarment fil-punt fejn tisbokka fiha Triq Karkar, Triq Parisot tispostja ruhha lejn il-lemin, b’mod li min ikun qieghed isuq fuq ix-xellug jinhtieglu, fil-punt fejn tisbokka Triq Karkar, imur fuq in-naha tal-lemin tat-triq sabiex ikun jista jibqa’ jipprocedi fi Triq Parisot. Din il-lokalita’ hija

ferm perikoluza, tant li hemm mhux biss mera faccata ta’ Triq Karkar, imnejn kienet hierga l-attrici, imma hemm ukoll mera fi Triq Parisot sabiex wiehed ikun jista jara min gej minn Triq Karkar. It-topografija partikolari tal-lokalita’ tesigi li min ikun qieghed isuq fi Triq Parisot jadopera attenzjoni partikolari, anke jekk huwa jkun qieghed isuq fi triq principali. Dan naturalment ma jnehhi xejn mill-obbligu, fi grad ikbar, ta’ min ikun hiereg minn Triq Karkar li bl-ebda mod ma jinvadi Triq Parisot, lanqas minimament, specjalment minhabba l-possibilita’ li jahbtu ma’ vetturi mexjin fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Huwa proprju ghalhekk li hemm il-mera faccata ta’ Triq Karkar, biex tipprovdi vizwali ta’ Triq Parisot li altrimenti ma tkunx possibbli. Issa l-attrici minflok uzat il-mera, sporgiet – anke jekk minimalment - fi Triq Parisot bin-naha tal-lemin tal-karozza taghha mahrug iktar ’il barra min-naha tax-xellug, b’mod li holqot ostaklu lill-konvenut, li habat fin-naha tax-xellug u cioe’ fuq il-parti l-iktar indjetreggjata tal-vettura tal-attrici.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-incident, ghalkemm il-grad ta’ responsabilita’ tal-attrici huwa ferm ikbar.

Il-konvenut jissottometti fit-trattazzjoni orali tieghu li huwa, essendo *main road user* m’ghandu l-ebda responsabilita’ fil-konfront tal-attrici bhala *side-street user* anke jekk kien qieghed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq – fejn del resto kien kostrett isuq minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq – u in sostenn ta’ dan iccita ghadd gmielu ta’ sentenzi ricenzjuri li t-Tribunal ezamina bir-reqqa u li tabilhaqq jidhru li jsostnu t-tezi konvenuta. Min-naha l-ohra, l-attrici ticcita sentenzi ohrajn, il-parti l-kbira taghhom iktar antiki, partikolarment sentenzi tal-illustri mhallef William Harding, li ma jesonerawx lill-main road user minn kwalunkwe responsabilita, imma jghabbuh – sia pure fi grad icken minn tas-sewwieq ta’ triq laterali – ukoll bl-obbligu li jadopera huwa ukoll kura u attenzjoni kull fejn ikun hemm triq laterali.

Hija l-umli fehma ta’ dan it-Tribunal kif ippresedut, anke riflessa f’sentenzi precedenti illi ta, li anke l-main road

user irid juza dejjem il-prudenza u d-diligenza tal-*bonus paterfamilias* fis-sewqan tieghu. Ma hemm l-ebda formola sagrosanta jew aprioristika ghall-forma konkreta li trid tiehu din id-diligenza, u ghalhekk mhux bizzejjed li wiehed ikun qieghed jobdi r-regolamenti tat-traffiku, imma jrid jiehu dejjem kont tac-cirkostanzi li fihom wiehed ikun qieghed isuq. F'dan il-kaz partikolari, mhux biss l-attrici, imma anke l-konvenut messu hares lejn il-mera sabiex jara jekk kienx gej xi hadd minn Triq Karkar, u ha l-prekawzjonijiet mehtiega bhal per ezempju jdoqq il-horn u jirrallenta l-velocita'.

It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li wiehed ghandu joqghod attent li ma jaddottax pronunzjamenti tal-Qrati li ghalkemm ikunu perfettament validi ghac-cirkostanzi partikolari li ghalihom tkun tapplika s-sentenza moghtija, ikunu redatti bla bzonn b'mod wiesa jew assolut b'mod li fil-fatt jistghu facilment jinftiehmu li jkunu japplikaw ghal cirkostanzi differenti minn dawk li fil-kuntest taghhom tkun giet ippromulagata dik is-sentenza partikolari.

Fil-kaz prezenti, il-motivi premessi huma sa certu punt akkademici, ghax idejn it-Tribunal huma marbutin mir-risposta tal-konvenut, li fiha jecepixxi li l-incident huwa ugwalment taz-zewg partijiet u ghalhekk qieghed jammetti nofs it-tort. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici ghandha iktar minn nofs it-tort, izda t-Tribunal ma jistax jiehu inizzjattivi huwa, imma jrid joqghod dejjem ghal-limiti tal-kontestazzjoni, li fil-kaz prezenti hi li filwaqt li l-attrici qieghdha tghid li t-tort tal-incident huwa kollu kemm hu tal-konvenut, l-istess konvenut qieghed jghid li t-tort irid jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-konvenut jghid li m'ghandux ibati spejjez f'kaz ta' gudizzju adesiv ghax huwa diga kien ghamel offerta f'dan is-sens lill-attrici. Pero' ma gieb ebda provi dwar din l-offerta u t-Tribunal ma jistax jilqaghhielu, l-anqas a bazi tal-ekwita' ghax din ma tfissirx li t-Tribunal jista' jiddeciedi jekk mhux a bazi tal-provi akkwisiti.

Dwar il-quantum tad-danni, ghalkemm l-attrici inizjalment talbet is-somma ta' LM667.09, fis-seduta tad-9 ta' Gunju

2004 hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' LM433.88 anke jekk mir-ricevuti jidher li nkorriet hsarat iktar minn hekk. Min-naha l-ohra l-konvenut ikkontesta l-hsara fuq il-partita *headlamp right saxo*. Huwa ekwu ghalhekk li l-hsara tittiehed bhala li hija LM433.88.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-partijiet ugwalment responsabbli ghall-incident u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM216.94 ammont ta' nofs il-hsarat sofferti.

Spejjez nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------